MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Numru. 836/2005

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
Vs
Nathalie Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata

1. talli nhar il-31 ta' Jannar 2005 u fl-1 ta' Frar, 2005 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana, bil-qerq holqot jew gieghlet tidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, u cioe' Jesmond Abdilla u Roderick Grech, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva rat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li setghu

jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe' lil imsemmija Jesmond Abdilla u Roderick Grech, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti.
4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku wettqet reat li kellha tissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir timpedixxi;

Finalment il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena ta' l-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma ghandha l-ebda kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2006 meta kienu qed isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta' din l-ammissjoni u tatha zmien xieraq sabiex terga tahsibha u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan.

Meta regghet issejjhet il-kawza rega deher l-Ufficjal Prosekutur, regghet dehret l-imputata debitament assistita illi baqghet issostni illi riedet tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u ghalhekk fuq ammissjoni volontarja tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha il-Qorti qeghda issibha <u>hatja</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 110, 101, 141, 17 u 31 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputata fuq imsemmija kienet ghamlet rapport falz lill-pulizija fuq l-ex boyfriend taghha PC 181 Jesmond Abdilla. Hija kienet ghamlet dan skond hi ghaliex kienet ghaddejja minn zmien hazin, irrealizzat illi r-relazzjoni taghhom ma kellhiex futur u riedet taghmel xi haga li permezz taghha zgur li l-imsemmi Jesmond Abdilla ma jibqax johrog maghha. Hija ghamlet dan ir-rapport falz lill-Kummissarju tal-Pulizija meta l-Kummissarju stess kien baghat ghalija sabiex jistaqsiha dwar din ir-relazzjoni taghha ma PC 181. L-imputata spjegat illi ghamlet dak illi ghamlet peress illi PC 181 kien qieghed iweggaha hafna ghaliex kien ighidilha li irid iqatta hajtu maghha meta fl-istess hin baqa' johrog ma tfajla ohra. Izda umbaghad xehdet illi anke hi fl-istess hin kienet qeghda tohrog ma guvni iehor. Illi finalment l-imputata kienet irrilaxxjat it-tieni stqarrija lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irtirat l-allegazzjonijiet foloz kollha li kienet ghamlet fil-konfront ta' PC 181 Jesmond Abdilla izda irrizulta li dan ghamlitu wara li kien sar konfront li kien dam madwar nofs siegha fil-prezenza tal-pulizija bejn l-imputata fuq imsemmija u PC 181 illi beda jichad kull allegazzjoni li kienet ghamlet hi fil-konfront tieghu. Waqt dan il-konfront l-imputata baqghet ittenni ir-rapporti foloz li kienet ghamlet fil-konfront ta' PC 181, izda umbaghad wara li ittiehdet fic-cella taghha fejn kienet ghadha tigi mizmuma arrestata talbet hi stess sabiex tkellem lill-Kummissarju tal-Pulizija u fil-fatt irrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha fejn fiha qalet il-verita u qalet ukoll lill-pulizija li l-ewwel stqarrija taghha kienet kollha gideb u ghalhekk irtiratha.

Irrizulta wkoll mill-provi illi l-akkuzi li ghamlet l-imputata fil-konfront ta' PC 181 kienu serji hafna peress illi kienu jirrigwardaw diversi hold ups u b'hekk PC 181 setgha jghaddi kumpilazzjoni u setgha wkoll jigi sospiz minn xogholu u eventwalment setgha wkoll jehel il-habs.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi minkejja l-fatt illi l-imputata irregistrat ammissjoni bikrija xorta wahda kien hemm bizzejjed provi fil-process sabiex hija tigi misjuba eventwalment hatja u dana peress illi hija kienet

irrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha lill-pulizija fejn ammettiet illi l-ewwel stqarrija li ghamlet kienet kollha inveritiera. Izda l-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghalhekk ma tarax illi piena karcerarja effettiva tkun idoneja ghall-akkadut. Madanakollu dak illi ghamlet l-imputata kien reat gravi ferm u ghalhekk il-Qorti certament mhijiex ser tilliberaha taht kundizzjoni. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputata ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operativ ta' din is-sentenza sospiza.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 u qeghda tapplika il-piena tal-interdizzjoni generali fil-konfront tal-hatja kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hatja iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u bhala Perit f'kull kaz li jkun u dana ghall-perjodu ta' ghaxar snin mil-lum.

Il-Qorti, a tenut tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikoli 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------